**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta' Ottubru, 2016

Rikors Nru : 176/16 AL

**AB**
**U**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

Illi l-partijiet izzewwgu fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju elfejn u sitta (2006) registrat bin-numru progressiv wiehed zero wiehed hamsa zbarra elfejn zero zero sitta (1015/06) u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal; (DOK A);

Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt ippubblikat minn Dr. Henry Vassallo LL.D fit-tmienja (8) ta' Marzu elfejn u hdax (2011) (DOK B);

Illi l-partijiet ilhom jghixu separatament mill-ewwel (1) ta' Awwissu elfejn u ghaxra (2010);

Illi r-rikorrenti C D irrevertiet ghal kunjoma xebba fil-kuntratt ta' separazzjoni;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi m'hemm ebda kwistjonijiet fuq hlas ta' manteniment bejn il-partijiet ghaliex il-partijiet rrinunzjaw ghad-dritt ta' manteniment;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu lil din il-Qorti sabiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet; u

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiehu l-passi kollha necessarji biex dan id-digriet ta' divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-rikors konguntiv illi gie kkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti ;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Ottubru, 2016 ;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla fuq domanda tal-qorti jwiegeb li ma kellu oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-8 ta' Marzu 2011;

Illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejnithom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.